# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2019**

**Numru 17**

**Rikors numru 406/12 FS**

**John Ellul**

**v.**

**Maria Parnis, Victoria Agius u Assuero Ellul**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li pprezenta l-attur fl-20 ta' April 2012 u li jaqra hekk:

> "**A. DIKJARAZZJONI TAL-FATTI**
>
> "1. Illi l-kontendenti huma l-unici wlied tad-defunt Assuero Ellul illi miet nhar id-29 ta' Marzu 1998, u dana skond ma jirrizulta mill-Att tal-Mewt relattiv illi kopja tieghu giet annessa mar-rikors u mmarkata **bhala Dok. RG1**;
>
> "2. Illi permezz ta' l-ahhar testment revokatorju tieghu, datat 2 ta' Frar, 1998 fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, id-defunt Assuero Ellul iddispona mill-assi ereditarji tieghu billi filwaqt

illi nnomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenuti wliedu fi kwoti ndaqs bejniethom, halla diversi prelegati lill-istess konvenuti u halla l-legittima favur l-attur. Kopja ta' l-imsemmi testment u tad-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* maghmula mill-konvenut Assuero Ellul, refiribbilment ghas-successjoni tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul gew annessi mar-rikors, esebiti u mmarkati bhala **Dok. RG2** u **Dok. RG3** rispettivament. L-attur iddikkjara immsedjatament illi l-valuri indikati fid-Dikjarazzjoni *Causa Mortis* [**Dok. RG3**] m'humiex realistici;

"3. Illi permezz ta' l-imsemmi testment tieghu [**Dok. RG2**], id-defunt Assuero Ellul iddikjara li matul hajtu huwa kien ittrasferixxa b'titolu gratuwitu favur l-attur, zewg trakkijiet tal-gebel illi ghandhom, flimkien mal-gid kollu l-iehor illi t-testatur allegatament ghadda lill-attur, jigu imputati lil-legittima dovuta lill-attur skond il-Ligi;

"4. Illi l-attur jichad illi d-defunt missieru Assuero Ellul qatt xi darba ghaddielu xi gid matul hajtu u jinsisti li t-trakkijiet tal-gebel illi t-testatur ghamel referenza ghalihom fit-testment tieghu [**Dok. RG2**], effettivament gew akkwistati bil-flus ta' l-attur u kienu jifformaw il-proprjeta` ta' l-attur kif jista' jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna, u kwindi ma ghandhom qatt jigu attribwiti lis-sehem dovut lill-attur mill-assi ereditarji ta' missieru;

"5. Illi l-konvenuti qieghdin jonqsu milli jhallsu lill-attur il-porzjoni spettanti lilu mill-assi ereditarji tad-defunt missieru Assuero Ellul, u dana minkejja li l-konvenuti Maria Parnis, Victoria Agius gew interpellati sabiex jaghmlu dan sahansitra permezz ta' l-Ittra Ufficjali mibghuta lilhom nhar it-28 ta' Marzu 2008 [**Dok. RG4**] filwaqt illi l-konvenut Assuero Ellul kien obbliga ruhu li jaghmel tali pagament favur l-attur permezz ta' Skrittura Privata ffirmata bejnu u bejn l-attur nhar l-4 ta' Gunju, 1999 fil-prezenza tan-Nutar Dottor Daniel Caruana bhala xhud tal-firem tal-kontraenti. Kopja ta' l-imsemmija Skrittura Privata giet annessa mar-rikors, esebita u mmarkata bhala Dok. RG5. L-attur irrileva li l-izvilupp imsemmi fl-istess Skrittura Privata (Dok. RG5) baqa' ma sarx u effettivament qatt ma biss inbeda;

"6. Illi dawn il-fatti hawn fuq dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attur.

"**B. RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI**

"L-attur ghamel din il-kawza sabiex dina l-Qorti joghgobha, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, *ai termini* ta' l-**Artikoli 616** *et seq* u 647 *et seq* tal-**Kap.16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-assi ereditarji tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul, tillikwida l-legittima (ossia l-porzjoni rizervata) imhollija mis-successjoni ta' l-istess defunt Assuero Ellul lill-attur, u konsegwentement tordna lill-

konvenuti sabiex ihallsu *pro rata* u minghajr ebda ghazla bejniethom, il-porzjoni riservata hekk likwidata u spettanti lill-attur mill-istess successjoni.

"**C. TALBIET ATTRICI**

"1. Occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, *ai termini* ta' l-**Artikoli 647** *et seq* tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-assi ereditarji tad-defunt missier il-kontendenti Assuero Ellul u konsegwentement, *ai termini* ta' l-**Artikoli 616** *et seq* u **647** *et seq* tal-**Kap 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**, tillikwida l-legittima ossia l-porzjoni riservata spettanti lill-attur mill-assi ereditarji tad-defunt missieru Assuero Ellul;

"2. Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu *pro rata* u minghajr ebda ghazla bejniethom il-legittima ossia l-porzjoni riservata hekk likwidata u spettanti lill-attur mis-successjoni tad-defunt missieru Assuero Ellul.

"Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2008, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, u bl-interessi legali skond il-Ligi".

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Maria Parnis u Victoria Agius li permezz taghha eccepew:

"1. Illi l-eccipjenti dejjem qablu li huhom l-attur John Ellul jithallas il-porzjoni riservata spettanti lilu skond il-Ligi u a tenur l-ahhar testment, tant illi ghamlu diversi tentattivi *tramite* l-legali taghhom sabiex il-porzjoni riservata dovuta lilu tkun likwidata u eventwalment imhallsa.

"2. Illi l-eccipjenti ma qablux ma' l-istimi li ghamel l-attur tal-assi ereditarji tad-defunt missierhom Assuero Ellul, *stante* li rapport tekniku maghmula minn Perit Arkitett mqabbad minnhom *ex-parte* jindika valutazzjoni differenti mill-istima li wasal ghaliha l-attur, *oltre* l-fatt ukoll illi l-attur qatt ma ried jiehu nkunsiderazzjoni oggetti ohra li nghataw lilu akkont tal-legittima u dan skond l-ahhar testment tad-defunt Assuero Ellul.

"3. Illi subbordanament u bla pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti xtaqu jittransigu dina l-vertenza billi bla pregudizzju ghalihom accettaw illi jhallsu l-ammont tal-porzjoni riservata skond il-valutazzjoni maghmula mill-attur u kif ukoll terz tal-ispejjez gudizzjarji kull wiehed, izda l-attur illum qed jinsisti li l-intimati ghandhom jirrinunzjaw ghall-porzjoni riservata spettanti lilhom

skond il-ligi fuq l-assi ereditarji tad-defunta ommhom Crocefissa Ellul, pretensjoni illi assulutament mhix accettabbli mill-eccipjenti.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez u bl-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni”.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Assuero Ellul li biha eccepixxa illi:

“1. Illi t-talba ghal porzjoni riservata hija dekaduta bit-trapass ta’ ghaxar snin mid-data tal-mewt ta’ Assuero Ellul il-missier li miet fid-29 ta’ Marzu, 1998 u c-citazzjoni odjerna giet prezentata fl-20 ta’ April 2012 u cioe` erbatax-il sena wara l-mewt ta’ Assuero Ellul.

“2. Illi minghajr pregudizzju, John Ellul irid igib akkont tas-sehem tieghu tal-porzjoni riservata kull ma rcieva matul hajtu.

“Salvi eccezzjonijiet ohra”.

Rat li din il-kawza giet ceduta fil-konfront ta’ Maria Parnis u Victoria Agius, izda nzammet ferm fil-konfront ta’ Assuero Agius:

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Jannar, 2014, li in forza taghha ddikjarat it-talba attrici preskritta;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“**C. PROVI:**

“Rat in-nota konguntiva ta’ John Ellul, Maria Parnis u Victoria Agius li permezz taghha jiddikjaraw li l-valur tat-talbiet attrici f’din il-kawza li huma disposti jittransigu fuqu jammonta ghal ghaxrin elf sitt mija wiehed u disghin Ewro u sitta u sittin centezmu (€20,691.66).

“Rat in-nota a fol 74 tal-process ta’ John Ellul tad-9 ta’ Awissu, 2013

li permezz taghha ceda l-atti ta' din il-kawza limitatament fil-konfront ta' Maria Parnis u Victoria Agius *stante* transazzjoni, b'dan li zamm ferm il-pozizzjoni tieghu f'din il-kawza fil-konfront ta' Assuero Ellul.

**D. "KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi ghalhekk peress li l-kawza giet ceduta fil-konfront ta' Maria Parnis u Victoria Agius, il-Qorti ghad ghandha biss it-talbiet ta' John Ellul fil-konfront ta' Assuero Ellul.

"L-eccezzjoni principali ta' Assuero Ellul hija l-preskrizzjoni decennali mid-data tal-mewt ta' Assuero Ellul il-missier li miet fid-29 ta' Marzu, 1998 (fol 6). Il-kawza giet prezentata fl-20 ta' April, 2012 u cioe` erbatax-il sena (14) wara l-mewt ta' Assuero Ellul. L-intimat Assuero Ellul insista li aktar minn preskrizzjoni, dan huwa terminu ta' dekadenza. L-istess rikorrent ma jivvantax illi kellu fil-pussess tieghu xi proprjeta` li kienet tappartjeni lill-mejjet missieru Assuero Ellul, missier il-partijiet. Fil-fehma ta' l-intimat Assuero Ellul dan it-terminu huwa meqjus mil-ligi bhala terminu ta' dekadenza u lanqas jekk kien hemm ittra ufficjali jew xi att iehor, ma jista' jkun bizzejjed biex id-dritt ta' legittima jinzamm. L-uniku att illi seta' jissalvagwardja d-drittijiet tal-ligittima ta' John Ellul kien ikun kuntratt notarili ta' transazzjoni bejn il-partijiet. L-intimat Assuero Ellul ikkontenda li l-konvenju allegat minn John Ellul qatt ma twettaq u anqas gie ezegwit jew inkella saret xi kawza warajh, bil-konsegwenza li l-effetti tieghu huma mitmuma.

"Illi huwa ferm desiderabbli li meta parti f'kawza tissolleva eccezzjoni, din ghandha tindika specifikament l-artikolu li fuqu qed tibbaza l-preskrizzjoni. F'xi kazijiet dan jista' jwassal ghan-nullita` ta' l-eccezzjoni sollevata. Izda fil-kaz in ezami huwa wisq car li l-artikolu li qed jibbaza fuqu l-intimat Assuero Ellul huwa l-artikolu 845 tal-Kap 16 li jghid:

> "845. (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."

"Min-naha tieghu r-rikorrent irreferixxa ghall-ftehim ta' l- 4 ta' Gunju, 1999 li jinsab esebit mar-rikors guramentat bhala Dok RG5 u kien jikkontjeni modalita` kif ir-rikorrenti kien ser jithallas tal-legittima spettanti lilu u in linea ta' transazzjoni fuq kull pretensjoni li r-rikorrent jista' jkollu kontra l-konvenut Assuero Ellul ghal-legittima fuq il-wirt ta' missierhom skond kif stipulat fi klawsola 8 ta' l-imsemmi ftehim.

"Ir-rikorrent jikkontendi li z-zmien in kwistjoni mhuwiex zmien ta' dekadenza izda ta' preskrizzjoni normali.

“Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Edith Galea *et* vs Joseph Degiorgio *et*** (Citazz. Nru. 1758/01FS) deciza fit-18 ta’ Mejju, 2005 kienet irreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Stella Briffa *et* vs Caterina Scicluna *et*** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-29 ta’ Jannar 1954, fejn inghad illi:

> “"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "*petitio hereditatis*" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva......
>
> “Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess "*di diritto*"…

“Il-pussess ta' l-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll "*animo domini*". Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b' mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni".

“Fil-kawza **Galea vs Degiorgio** l-Qorti kienet qalet:

> “Difatti l-pussess bhala fatt, mhux sufficjenti biex johloq id-dritt tal-proprjeta`, izda jrid ikun tali, fi kliem **Laurent** "*che annunzi coi suoi caratteri che il possessore intende essere il-proprietario, e che agisce come tale*”. (**Diritto Civile Vol XXXII** para. 274). Del resto, kif jinnota **Baudry**, "*tutte le condizioni enumerate nell' articolo 2229 tendono a denunciare al vero proprietario l' usurpazione che e stata commessa, ed a metterlo in grado di respingerla*". (**Prescrizione** para. 238). Il-karattri fuq migjuba tal-pussess legittimu huma kwindi, kif jikkonkludi **Laurent**, "*una garanzia per la proprieta` contro l' usurpazione*".

“Illi l-prova ta’ dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akkwizittiva, tinkombi lil min jivoka l-istess preskrizzjoni u fil-kaz in ezami lill-konvenut Joseph Degiorgio. Illi ma jirrizultax li huwa gab ebda prova fir-rigward ta’ l-elementi necessarji rigwardanti l-pussess.

“Huwa importanti wkoll li wiehed irid jaghraf bejn azzjoni ghas-sehem fil-wirt [***Petitio hereditatis***] u azzjoni dwar gid li kien jaghmel minn wirt. Illi huwa minnu li mhux kull azzjoni li tirrigwarda gid li gej minn wirt taqa’ taht iz-zmien preskrittiv tal-artikolu 845. (ara kawza fl-ismijiet **Josephine Borg *et* vs Joseph Bianco** deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2003.

"Izda jehtieg li jkun hemm ir-rekwiziti essenzjali kollha, u dan skond il-principji legali diga msemmija. Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f' idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrieh l-azzjoni ereditarja."

"Fil-kawza **Borg v Zammit** (Appell Civili 28/3/1995), iz-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu minn zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva.

"Fuq dan il-bazi r-rikorrent fin-nota tieghu a fol 69 stqarr:

> "12. Illi f'dan il-kaz ma tressqet ebda prova li l-konvenut Assuero Ellul kellu f'idejh il-pussess tal-porzjoni rizervata spettanti lill-esponenti bil-mod ritenut fis-sentenzi tal-qrati nostrali. Anke jekk kieku kellu jirrizulta li l-konvenut Assuero Ellul zamm pussess shih tal-porzjoni rizervata spettanti lill-esponenti, dan qatt ma seta ghamlu *animo domini* jew inkella b'*bona fidi* in kwantu huwa stess kien diga' rrikonoxxa fil-ftehim datat 4 ta' Gunju 1999 li l-esponenti kellu dritt li jitlob din il-legittima u rrikonoxxa li l-esponenti kellu jithallas ghas-sehem rizervat lilu."

"Izda din il-Qorti kuntrarjament ghal dak fuq imsemmi thoss li l-pussess kien qieghed f'idejn l-intimati. Ir-rikorrent irrefera dejjem ghall-ftehim ta' l-4 ta' Gunju, 1999 u a bazi tieghu sostna li l-intimat kien jaf li r-rikorrent kellu d-dritt li jitlob il-legittima u rrikonoxxa dan. Izda fil-fatt dan l-att sar fl-4 ta' Gunju, 1999 u cioe` kwazi tnax-il sena (12) qabel ma nfethet il-kawza odjerna. Ir-rikorrent jaghti hafna importanza lil dan il-ftehim. Isemmi wkoll li d-dritt ta' azzjoni tar-rikorrenti biex jitlob il-legittima spettanti lilu qatt ma seta' jiddekorri qabel sentejn mill-mewt ta' Crocefissa Ellul (ommhom) minhabba l-fatt ta' din l-iskrittura ta' l-4 ta' Gunju, 1999. ir-rikorrent sostna li din kienet tranzazzjoni li baqa' fis-sehh. Ghalhekk ir-rikorrenti nsista li hu ma setax jagixxi b'azzjoni ghax kien diga marbut mal-intimat Assuero Ellul dwar kif kellha tithallas il-legittima. Ghalhekk fuq il-bazi li dan il-perjodu mhux wiehed ta' dekadenza izda ta' preskrizzjoni akkwizittiva, ir-rikorrent hass li bl-artikolu 2125 tal-Kap 16 il-preskrizzjoni kienet sospiza. Huwa veru li l-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (ara artikolu 2133 tal-Kap 16).

"Izda biex dan kollu jissussisti r-rikorrent ried jipprova li l-ftehim ta' l-4 ta' Gunju, 1999 kien ftehim validu *ab initio* u li baqa' validu. Meta thares lejn l-iskrittura Dokument "RG5" a fol 17 sa 23 tal-process, il-Qorti thoss li dak kien konvenju u li kellu r-rekwiziti kollha ta' konvenju. Din il-Qorti minflok sejra toqghod tirrepeti dawk l-elementi, tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **Mary Pace vs Joseph Pace *et*** (Rikors Nru. 1294/07FS) deciza fis-6 ta' Novembru, 2013. Bhala konvenju dan kellu jigi

> registrat skond kif jipprovdi l-Att Numru XVII tal-1993 (Kap 364) u tar-Regolamenti mahruga tahtu. Hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghall-istess sentenza u dwar dak li ntqal fuq il-kundizzjoni sospensiva taht il-Kap 16 artikolu 2125. Peress li ma rrizultax li dak il-konvenju ta' l-4 ta' Gunju, 1999 gie registrat a tenur tal-ligi, il-Qorti ma tistax tikkunsidrah li baqa' validu b'mod li ghar-ragunijiet fuq imsemmija qed tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni".

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijniet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "tilqa' dan l-appell billi b'akkoljiment tal-aggravji mressqa mill-esponenti f'dan ir-rikors, tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Jannar 2014 fl-ismijiet premessi, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-intimat appellat Assuero Ellul, u tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti, ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi dwar it-talbiet tal-esponenti, u dana bl-ispejjez kontra l-intimat appellat".

Rat ir-risposta ta' Assuero Ellul li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li l-appell ghandu jigi michud;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi f'din il-kawza, l-attur qed jitlob li jigi mhallas lilu l-legittima lilu spettanti wara l-mewt ta' Assuero Ellul. Fil-waqt li l-pretensjoni tal-attur giet tranzatta mal-konvenuti Maria Parnis u Victoria Agius, is-sitwazzjoni mal-

konvenut Assuero Ellul baqghet mhux tranzatta, b'dan tal-ahhar jissolva in linea preliminari d-dikadenza tal-azzjoni bit-trapass ta' ghaxar snin. L-ewwel Qorti accettat din l-eccezzjoni u cahdet it-talba tal-attur wara li qiesitha preskritta.

Minn din is-sentenza appella l-attur li cahad li l-konvenut in kwistjoni kellu l-pussess *animo domini* tal-assi tal-wirt, u li f'kull kaz, l-istess konvenut kien irrikonoxxa d-dritt tal-attur ghal-legittima.

Din il-Qorti sejra titratta l-ewwel eccezzjoni tal-attur immirata lejn il-validita` tas-sentenza. Huwa ressaq dan l-ilment peress illi l-ewwel Qorti, wara li qieset ftehim bejn iz-zewg kontendenti ffirmat fl-4 ta' Gunju, 1999 bhala konvenju, *sua sponte* qieset dan il-konvenju mhux validu peress illi ma giex registrat mal-awtorita` kompetenti kif trid il-ligi. L-attur jargumenta li dan il-punt ta' registrazzjoni ma qamx bhala punt kontrovers fil-kawza, u kellu jinghata opportunita` li jitratta dan il-punt qabel l-ghoti tas-sentenza.

Din il-Qorti tifhem li meta l-Qorti tkun u tqajjem xi punt legali gdid, trid taghti cans lill-partijiet jittrattaw il-punt, u l-Qorti m'ghandhiex tissorprendi l-partijiet billi tqajjem u tiddeciedi punt legali li tkun sollevat hi stess. F'dan il-kaz, pero`, il-materja hi wahda marbuta mal-fisku u ta' ordni pubbliku,u min jipprezenta ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti dokument hekk relatat, irid

iqies li dak id-dokument ikun konformi mal-ligijiet kollha tal-pajjiz, specjalment dawk li jinteressaw l-erarju. Dak li qajmet il-Qorti ma kienx xi punt legali li jinteressa biss lill-partijiet, izda materja ta' odni pubbliku u l-ewwel Qorti ghamlet sew li ssollevat hi l-kwistjoni.

Kwindi, l-aggravju marbut mal-validita` tas-sentenza huwa michud.

Nigu issa ghall-meritu. L-ewwel nett, din il-Qorti trid tosserva u tghid mill-ewwel li hi ma taqbilx mal-osservazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti li hu biss *ferm desiderabbli* li parti li tissolleva eccezzjoni tal-preskrizzjoni tindika l-artikolu tal-ligi invokat. Huwa, anzi, imperattiv li eccezzjoni tal-preskrizzjoni tkun akkumpanjata bl-artikolu rilevanti tal-preskrizzjoni, u jekk dan ikun zbaljat jew sahansitra nieqes ghall-kollox, l-eccezzjoni relattiva ghandha tigi michuda.

L-ewwel Qorti osservat li taqbel ma' dan il-principju, izda xorta wahda ezaminat il-preskrizzjoni sollevata fil-kuntest tal-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili, peress li qalet li huwa *wisq car* li l-konvenut kien qed jibbaza ruhu fuq dan l-artikolu.

Din il-Qorti tqies li kienet tkun ahjar illi kieku l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, pero`, darba li l-ewwel Qorti trattat u ddecidiet

dik l-eccezzjoni, u dan hu l-meritu principali tal-appell, tqies li ghandha hi wkoll tezamina din il-materja.

Trattat, mela, il-preskrizzjoni relattiva, din il-Qorti tiddikjara li ma taqbilx mas-sentenza tal-ewwel Qorti u tqies li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-preskrizzjoni relattiva ma hijiex wahda ta' dekadenza, izda preskrizzjoni soggetta ghar-regoli applikabbli, fosthom li hi soggetta ghall-interruzzjoni. Din il-preskrizzjoni, inoltre, hija wahda akkwizittiva u tehtieg, oltre l-passagg taz-zmien, pussess *animo domini*. (ara **Borg v. Zammit** deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 1995).

F'dan il-kaz jirrizulta li wara l-mewt ta' Assuero Ellul, l-attur ressaq il-pretensjoni ghall-legittima, u l-partijiet issa fil-kawza waslu fi ftehim permezz ta' skrittura privata tal-4 ta' Gunju, 1999, li bih il-konvenut Ellul u l-attur waslu fi transazzjoni fis-sens li lill-attur tigi trasferita binja ghas-saldu tal-pretensjoni tieghu. Ghandux jew le n-natura ta' konvenju validu, jibqa' l-fatt li dan il-ftehim ghandu forza ta' skrittura privata li fuqha l-konvenut Ellul irrikonoxxa l-pretensjoni tal-attur. Fuq dik l-iskrittura, l-imsemmi konvenut accetta li l-attur huwa intitolat ghal-legittima fuq il-wirt ta' Assuero Ellul (fuq kollox rikonoxxut mill-istess defunt fit-testment tieghu), bil-partijiet jiftiehmu fuq il-modalita` ta' kif se jsir il-hlas relattiv. Skont il-ligi, il-legittima, dak iz-zmien kellha tinghata in-natura, bl-attur

ikollu dritt jiehu sehem mill-assi kollha tad-defunt. Il-partijiet, pero`, jistghu jiftehmu mod iehor, u hu dan li ghamlu f'dan il-kaz l-attur u l-konvenut Ellul. Dan il-ftehim baqa' jsehh sa ghaxar snin mill-4 ta' Gunju, 1999, u kien suggett ghar-rinova tieghu sakemm tkun ghadha hajja Crocesfissa Ellul, li mietet fis-16 ta' Novembru, 208.

Matul dawn l-ghaxar snin, ghalhekk il-preskrizzjoni marbuta mat-talba ghal-legittima kienet sospiza, ghax din it-talba kienet dipendenti fuq it-twettieq ta' dak il-ftehim. L-attur, tul dawn l-ghaxar snin, ma setax jagixxi sabiex jitlob il-legittima spettanti lilu, ghax kien marbut bi ftehim mal-konvenut Ellul dwar kif il-legittima kienet ser tinghata. Ir-rikonoxximent tad-dritt tal-attur ghal-legittima baqa', pero`, jipperdura ghal tul il-validita` ta' dak il-ftehim, cioe`, ghall-10 snin.

Il-pussess tal-konvenut Ellul tal-assi tal-wirt ma jistax jitqies li kien wiehed *animo domini*. Il-konvenut kien jaf li jekk il-ftehim ma jigix fis-sehh, kellu jaghmel tajjeb ghal-legittima skont il-ligi bl-assi tad-defunt, u, allura, ma kienx qed izomm dawk l-assi bhal li kieku kienu tieghu. Il-pussess kien kondizzjonat u marbut mar-relazzjoni tal-ftehim, u ma kienx wiehed assolut u irrevokabbli. Il-pussess, biex dak li jkun jirnexxi bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid ikun formali u kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta` (ara **Briffa v. Scicluna** deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 1954), u dak li jzomm il-hwejjeg mhux b'mod assolut bhala

tieghu, ma jistax iressaq favorih il-preskrizzjoni tal-ghaxar snin li dwaru jitkellem l-Artikolu 845(1). Ma jistax wiehed jghid li qed izomm hwejjeg ta' wirt *animo domini* meta hu stess ikun irrikonoxxa d-dritt ta' haddiehor, l-attur f'dan il-kaz, ghall-parti minn dawk il-hwejjeg. Ma kienx hemm bdil ta' dan it-tip ta' pussess, u kwindi l-Artikolu 845(1) ma jistax jitqies abblikabbli, hi x'inhi n-natura tieghu.

Il-progett li kellu jsir skont il-ftehim ta' Gunju, 1999, baqa' ma sarx u, milli jidher, lanqas biss inbeda, u l-10 snin ghaddew billi ma sar xejn. Kien mal-iskadenza tal-ftehim, li se mai, jibdew jidekorru l-ghaxar snin, u dan it-terminu ma kienx skada meta nfethet din il-kawza.

Fl-atti saret ukoll referenza ghall-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2008, mibghuta lill-konvenuti Victoria Agius u Maria Parnis; din l-ittra saret entro t-termini tal-ghaxar snin preskritt mil-ligi u giet regolarment notifikata lilhom fi zmien xahar kif trid il-ligi. Issa, meta tqies li r-responsabbilita` tal-eredi ghall-hlas tal-legittima hija wahda solidali, din l-ittra ufficjali serviet biex tinterrompi l-preskrizzjoni anke fil-konfront tal-konvenut Ellul, li bhala werriet huwa obbligat mal-ohrajn ghall-hlas tal-legittima (ara l-Artikolu 1092(1) tal-Kodici Civili). B'din il-kawza tinfetah fl-20 ta' April, 2012, anke taht dan l-aspett l-azzjoni attrici ma tistax titqies preskritta.

Fid-dawl tal-premess, hu car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-azzjoni tal-attur ma hijiex milquta bil-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Jannar, 2014, u minflok tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Assuero Ellul, bl-ispejjez taz-zewg istanzi inkorsi sa issa jithallsu mill-istess appellat Assuero Ellul.

L-atti qed jigi rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb